MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1246/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Italian Pizza Co. Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ mitejn u disgha u sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm269.38) rapprezentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 678607 u dan wara t-talba tas-socjeta konvenuta ghall-istallazzjoni ta’ linja tat-telefon (Dokument A). Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Marzu 1999 u bl-imghaxijiet legali mis-17 ta’ Marzu 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat Dok A a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-25 ta' Settembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm269.38,0 bl-imghaxijiet legali mill-17 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tal-17 ta' Marzu 1999.

Lorianne Camilleri
Deputat Registratur